**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 70/2024**

**26 ta' Frar 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier (Online) |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**70.01 Talba**

70.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**70.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

70.02.01 Id-DSE informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**70.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 68-23 u 69-23**

70.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 68-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

70.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 69-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi w l-Viċi Sindku jissekonda.

**70.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.04.01 Is-Sindku spjegat li fl-aħħar jiem kellha laqgħa ma' uffiċjali mill-Enemalta fejn ġiet infurmata li kien ser isir xi xogħol fuq il-*cables*. Sa issa nbeda x-xogħol fi Triq Santu Kristu u x-xahar id-dieħel ser isir xogħol fi Triq Wied Garnaw, Triq il-Prinjoli u oħrajn. Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hemmx data meta ser isir dan ix-xogħol u hija nfurmat li sa issa ma kelliex dati però l-Kunsill għandu jiġi avżat qabel isiru dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Ellul staqsa dwar it-*tarmac* li ser jinqala u hija qalet li r-*reinstatement* ser isir sa nofs it-triq u mhux fuq il-kanal biss.

70.04.02 Is-Sindku spjegat li l-*mechanical sweeper* beda jaħdem ġewwa l-lokalita' u dan ser ikun fuq bażi ta' ġurnata iva u ġurnata le u hemm persuna assenjata mill-*Cleansing* għal dan ix-xogħol. Hija qalet li l-*isweeper* qed ikun fi Ġnien is-Serenita' fejn bħalissa qed ikun mgħotti permezz ta'kanvas iżda l-quddiem ser tinbena kamra żgħira (*shed*) għalih.

70.04.03 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' uffiċċjali mill-WSC fejn ġie spjegat lilha l-ħsieb li Santa Lucija jintuża bħala *Pilot Project* fejn fuq bażi volontarja, l-WSC kienet ser tibdel il-balla tat-tank tal-ilma ta' fuq il-bjut ma apparat speċjali li ma jeħilx u għalhekk ser jiġi ffrankat il-ħela tal-ilma. Il-Kunsillier Sciberras faħħar din il-proposta peress li hija waħda tajba minħabba l-iskarsezza tal-ilma u issuġġerixxa li peress li ġewwa Santa Luċija hawn *ageing population* għandu jintbagħat fuljett fid-djar. Hija qalet li fil-ġranet li ġejjin ser jitqassam fuljett fid-djar kollha fejn ir-residenti ser jiġu nfurmati b'din l-iskema volontarja. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras is-Sindku kkonfermat li l-installazzjoni u l-appart ser ikunu mħallsa mill-WSC.

70.04.04 Is-Sindku spjegat li wara laqgħa ma' uffiċċjali minn *Project Green,* kienet ġiet infurmata li x-xogħol fuq l-estensjoni ta' Ġnien is-Serenita' kien miexi skont il-pjan u li *Project Green* kienu qablu wkoll li jirranġaw l-*area* ta' fejn il-Klabb tal-Boċċi u b'hekk l-entratura prinċipali ta' Santa Lucija kienet ser tkun qed tingħata dehra isbaħ.

70.04.05 Is-Sindku nfurmat li konna ġibna xi kwotazzjonijiet sabiex jitqabbdu l-lanterni li ġew mogħtija lilna b'donazzjoni miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż f'Malta u li l-orħos kwotazzjoni kienet ta' € 687 filwaqt li l-aħjar post jidher li huwa l-*area* quddiem iż-żewġ ljuni. Dwar dan kien hemm qbil.

70.04.06 Is-Sindku nfurmat li r-rampa quddiem il-*flats* fi Triq Marija De Domenici kienet kwazi lesta u issa kien jonqos il-wiċċ tal-irħam għat-taraġ il-ġdid. Hija qalet li l-kuntrattur kien jipprovdilha kwotazzjoni ta' madwar € 3,000 u għalhekk ġie deċiż li għandna nġiebu aktar kwotazzjonijiet u nagħżlu l-orħos waħda.

70.04.07 Rigward l-attività tal-Għid, is-Sindku issuġġeriet li t-tfal jagħmlu l-figolli sabiex ituhom lill-anzjani filwaqt li jkun hemm *area* għas-*Sand craft* filwaqt li t-tfal li jattendu jingħataw bajda tal-Għid. Hija qalet ukoll li kienet talbet lil Pulizija sabiex jekk huwa possibbli jkun hemm *display* tal-klieb u l-muturi filwaqt li jkun hemm rokna ta' *Story Telling* mil librara. Dwar dan kien hemm qbil. Kien hemm qbil ukoll li bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill għandu jixtri x-xemgha sabiex ikun jista' jsir is-salib f'Ħamis ix-Xirka.

70.04.08 Is-Sindku nfurmat li kienet ser torganizza Ħarġa għal Għawdex għall-Anzjani nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu.

70.04.09 Is-Sindku nfurmat li konna ġibna l-kwotazzjonijiet sabiex issir sistema ta' CCTV ġewwa Ġnien Simbjożi u kien hemm qbil li tingħazel l-orħos waħda.

70.04.10 Is-Sindku nfurmat li wara li f'laqgħa preċedenti l-Kunsillier Sciberras kien issuġġerixxa li nitolbu lir-Regjun sabiex jgħinna fil-manutenzjoni madwar ir-raħal, ir-Regjun Nofsinhar kien ser jgħin lil-Kunsill sabiex isir u xogħlijiet ta' manutenzjoni madwar il-Binja tal-Faqqani u għal dan il-għan kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jixtri l-materjal meħtieġ. Hija qalet ukoll li kienu ser isiru xi xogħlijiet ta' manutenzjoni bħal per eżempju fuq il-funtana ta' Pjazza 7 ta' Lulju mill-ħaddiema tal-PWD.

70.04.11 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jsiru numru ta' *Fun Fact Signs* dwar il-klieb ġewwa d-*Dog Park*. Ġie ssuġġerit li dawn is-*signs* isiru isfel maċ-ċint u mhux max-xibka minħabba li jkunu *eyesore*.

70.04.12 Is-Sindku spjegat li għalkemm ir-rapport tal-*Case Officer* kien l-applikazzjoni PA/0650/22 kellha tiġi rifjutata, din ġiet approvata. Hija qalet li kienet diġà avviċinat lill-Avukat Claire Bonello sabiex jekk hemm bażi fuq xiex il-Kunsill joġġezzjona, dan isir. Dwar dan kien hemm qbil.

70.04.13 Is-Sindku nfurmat li kienet irċeviet talba minn xi residenti sabiex isiru parkeġġi riservati għar-residenti peress li minn meta bdiet topera l-*Hub* tal-Pulizija, mhux qed isibu fejn jipparkjaw. Is-Sindku nfurmat li dawn it-tip ta' skemi ma għadhomx jiġu approvati minn Transport Malta. Il-

Kunsillier Sciberras ippropona li għandna navviċinaw lill-Kappillan/Kurja u l-Ministeru tal-Intern bil-Kunsill ikun medjatur sabiex il-Pulizija jkunu jistgħu jipparkjaw fil-*Parking* tal-Parroċċa. Kien hemm qbil ukoll li nkellmu lill-Pulizija sabiex jerġa jsir il-parkeġġ riservat għall-membri tal-Kunsill biswit il-*Police Hub*. Dwar dan kien hemm qbil.

70.04.14 Is-Sindku spjegat li kienu nħarġu t-*Tenders* għall-*fencing* ta' madwar il-grawnd tal-*5-a-side* kif ukoll tal-*Automated Public Convenience* li jagħlqu x-xahar id-dieħel.

70.04.15 Is-Sindku nfurmat li l-Klabb tal-Boċċi kienu talbu sabiex isir riklamar mill-Kunsill madwar il-*pitch* tal-Boċċi. Peress li d-DSE irrimarka li -fehma tiegħu dan it-tip ta' reklamar mhux permess, ġie deċiż li niċċekkjaw dwar dan qabel tittieħed deċiżjoni.

70.04.16 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandna noħorġu *tender* sabiex isiru r-ranep u li *stair-lifts* bil-fondi li ingħatajna mill-Awtorità tad-Djar.

70.04.17 Is-Sindku nfurmat li fl-okkażjoni tal-ewwel tas-Sena taċ-Ċiniżi, Maltapost kienet ser toħroġ bolla bl-isfond tal-*miniature sheet* ikun Ġnien is-Serenita. Hija ser tinforma lill-Kunsill meta ser issir iċ-ċerimonja li tfakkar dan il-ħruġ tal-bolla.

**70.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

70.05.01 Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet f'isem xi residenti jekk it-tinda li hemm fid-*Dog Park* hijiex temporanja jew permanenti. Is-Sindku nfurmat li l-*canvas* huwa temporanju u jista' jitneħħa meta rridu u dwar din kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill meta konna rċivejna talba sabiex ikun hemm il-kenn fid-*Dog Park*. Kien hemm qbil li eventwalment din it-tinda għandha tinbidel ma oħra li hija estetikament aħjar u mhux għolja daqs dik preżenti.

70.05.02 Il-Kunsillier Ellul staqsa jekk hux possibbli li resident jibda jieħu ħsieb ċatra fi Triq Begonja billi jiżra xi xitel u jieħu ħsiebha. Dwar dan kien hemm qbil.

70.05.03 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar il-laqgħa li s-Sindku kellha dan l-aħħar ma' uffiċċjali mill-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar l-użu tal-faċilitajiet tal-iskola. Is-Sindku nfurmat li konna qed nistennew laqgħa oħra dwar is-suġġett peress li Santa Lucija ser ikun l-ewwel Kunsill li ser jagħmel dan it-tip ta' ftehim dwar l-użu tal-faċilitajiet. Hija qalet li l-Kunsill ser jintalab iħallas miżata minima li tinkludi *Insurance* għal min juża l-post. Ġie deċiż li ladarba nirċievu kopja tal-kuntratt li ser jiġi offrut lil kulħadd, il-Kunsill jiddeċiedi jekk jipproċedix bil-ftehim jew le. Il-Kunsill Sciberras insista li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li ma għandux iħallas sabiex jagħmel użu mill-faċilitajiet.

70.05.04 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex il-Kunsill joħroġ *Default Notice* lill-Perit tal-Kunsill peress li kien hemm nuqqas mill-obbligu kontrattwali rigward l-applikazzjoni PA/0650/22. Huwa qal li mhux aċċettabbli li l-perit iġġib skuża sabiex tirrappreżenta l-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jibda jitlob li l-Kunsill ikollu kopja tar-rapport li jintalab mill-Kunsill fi żmien raġonevoli qabel il-laqgħa tal-PA sabiex il-Kunsill ikun ippreparat.

70.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar *update* rigward il-bankina fi Triq il-Ġibjun. Id-DSE informa li fil-passat is-Sindku kienet ipproponiet li din il-bankina ssir però l-Kunsill ma kienx qabel għax il-bankina ma kienx fil-konfini tagħna. Huwa qal li mill-pjanti uffiċċjali jidher li n-naħa tar-residenti tagħmel ma' Santa Lucija filwaqt li faċċata jagħmel ma' Ħal Luqa. Ġie deċiż li tinġieb kwotazzjoni dwar l-ispiża nvoluta però qabel hemm iktar xogħol mill-kuntrattur. Kien hemm qbil li għandna nkellmu lill-PWD sabiex forsi jagħmlu l-bankina.

70.05.06 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* fuq l-istat tal-*Jogging Track*. Id-DSE informa li t-tindif kien qed isir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-Kunsill u anke l-*mechanical sweeper* qed tintuża għal dan il-għan. Huwa qal ukoll li rigward il-klieb, kien u għad hemm l-obbligu li dawn ikunu biċ-ċinga u mhux jiġru waħedhom. Rigward il-fatt li muturi tad-*delivery* qed jgħaddu mill-*jogging track* is-Sindku nfurmat li kienet talbet il-Pulizija tal-Komunità sabiex jagħmlu r-rondi iktar spissi sabiex dan l-abbuż jinqata. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru *bollards* però ġie stabbilit li dawn ikunu ta' ostaklu għall-*mechanical sweeper*.

70.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'jista' jsir dwar ilma li qed joqgħod viċin Blokk 7. Is-Sindku nfurmat li kienet ser tkellem lill-Ministru dwar din il-problema li jidher li ilha ġejja minn meta saret it-triq.

70.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa mistoqsija dwar l-*electric vehicles*. Id-DSE informa li kien għadu qed jistenna l-ammont ta' vetturi elettriċi reġistrati Santa Lucija. Rigward kemm karozzi tal-linja elettriċi jintużaw fuq ir-rotta ta' Santa Lucija d-DSE informa li probabbli bħalissa ma jgħaddux tal-linja elettriċi peress li l-karozzi tal-linja li jservu Santa Lucija joħorġu mill-Marsa fejn sa issa ma hemmx *charging points* ghal dawn il-vetturi. Kien hemm qbil li meta jkun possibbli li tal-linja elettriċi iservu fuq ir-rotta ta' Santa Lucija, ninsistu li dan isir fuq bażi regolari.

70.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li Triq Stella Maris tingħalaq għar-residenti biss. Ġie deċiż li jsir *speed limit markings* fl-art u nitolbu għal iktar infurzar.

70.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li jsiru *road markings* li jindikaw l-*ispeed limit* fi Triq Katerina Vitale, Triq il-Prinjol u Dawret it-Torri. Is-Sindku wieġbet li kienet ser tkellem lil-Ministru dwar dan.

70.05.11 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar il-laqgħa li saret mal-Ministru Bonnet. Kien hemm qbil li jintbagħatu l-Minuti tal-imsemmija laqgħa lill-membri kollha.

70.05.12 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex isir bin kbir viċin Pjazza Dorell. Dwar dan kien hemm qbil.

70.05.13 Il-Kunsillier Sciberras staqsu hux possibbli wieħed miż-żewġ *dog bins* li hemm fi Triq Maria De Domenics jitpoġġa f'post alternattiv. Ġie hemm qbil li ż-żejjed jitpoġġa fil-*Promenade*.

***Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fis-7:13 minħabba mpenji personali.***

70.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li r-rotta 83 tibqa kif inhi imma r-rotot 80 u 226 jizdied l-intervall bejniethom sabiex kull 20 minuta tghaddi vettura minn Santa Lucija lejl lokalita' ohra. Gie deciz li naraw jekk dan hux possibbli.

70.05.15 Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir tabella fi Triq tal-Barrani li tindika li fuq ix-xellug hemm entratura għal Santa Lucija. Dwar dan kien hemm qbil.

70.05.16 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li jsiru tabelli viċin id-*Dog Park* li jindika li qed isir ix-xogħol. Is-Sindku nfurmat li diġà talbet lill-kuntrattur sabiex isiru dawn it-tabelli.

70.05.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-*Bus Shelters*. Id-DSE ta' spjega dwar meta ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lil-*Faces* sabiex jibdlu l-*Bus Shelters* fuq in-naħa minn fejn preżentement qed jgħaddu tal-linja. Huwa żied jgħid li kien hemm *issue* bejn *Faces* u *Infrastructure Malta* li ssolviet f'Mejju 2023. Ix-xogħol beda ftit tal-jiem ilu.

70.05.18 Il-Kunsillier Sciberras staqsa hux possibbli li fuq il-*frames* sofor li hemm fil-proġett tal-*Housing* jiġu nstallati pannelli sabiex jiddawlu l-akkwati kif ukoll jiġu reposizzjonati minħabba s-sigurta' tad-djar fil-viċin. Is-Sindku nfurmat li kienet ser titlob laqgħa mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar. Il-Kunsillier Sciberras semma wkoll l-*issue* tal-materjal li qed jitwaddab ma' siġra li hemm fl-akkwati u ssuġġerixxa li jsir xi tip ta' lqugħ sabiex ma tkomplix issir ħsara lill-imsemmija siġra.

**70.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

70.06.01 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar diversi skemi għas-sena 2024. Rigward SPI/SCI/1/2024 kien hemm qbil li napplikaw għal Triq Kamelja filwaqt li rigward SPI/SCI/5/2024 kien hemm qbil li napplikaw għall-Kunċert tal-Milied bħas-snin l-imgħoddija. Rigward l-iskemi l-oħra ser tittieħed deċiżjoni aktar il-quddiem peress li d-data tal-għeluq mhix daqshekk fil-viċin. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill lest li jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% tas-somma li jingħata taħt dawn l-iskemi.

70.06.02 Korrispondenza mir-Regjun Nofsinhar dwar il-tlugħ tal-poloz tat-tiġrijiet taż-żwiemel organizzati mir-Regjun. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

70.06.03 Korrispondenza mingħand Missio dwar maratona ta' ġbir ta' fondi fejn esprimew ix-xewqa li l-Kunsillieri jattendu sabiex jirrispondu t-telefon fid-9 ta' Marzu. Dawn il-Kunsillieri nteressati li jattendu ser javżaw lid-DSE sabiex ikun jista' jikkordina ma' Missio.

70.06.04 Korrispondenza mingħand ir-Regjun Nofsinhar dwar kalamiti li ser isiru bl-armi tal-Kunsilli u kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa.

70.06.05 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill (Karmig) rigward ir-rampa li tlabna li ssir ħdejn il-Klabb tal-Boċċi. L-istima hija ta' € 850 + VAT. Ġie deċiż li dwar ir-rampa mmexxu però rridu naraw l-ispiża dwar il-bankina wkoll.

70.06.06 Korrispondenza mingħand Doninu dwar talba għall-għajnuna sabiex il-Kunsill joffri sponsor dwar tined li jintużaw waqt il-*First Aid* etc. Ġie deċiż li qabel tittieħed deċiżjoni għandna niċċekkjaw ma' Kunsilli oħra.

**70.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 70/24**

70.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti 70/24 ġiet approvata unanimament.

**70.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.08.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:50 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2024.**

| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |